**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Erbgha 13 ta' Frar 2002

Citazzjoni numru 1740/98 AJM

Kawza numru

Onor Joseph Debono Grech

Vs

Paul Cocks u Charles Demicoli

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fis-27 ta' Awissu 1998 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi l-konvenuti Paul Cocks bhala awtur u Charles Demicoli bhala editur tal-gurnal "The People on Sunday" fil-harga tal-istess gurnal tal-Hadd 23 ta' Awissu 1998, ippubblikaw artikolu fil-pagna disgha tal-gurnal, intestat "Of Ministers and Shady Contracts" li fih allegaw fost ohrajn li kuntratt ghall-servizz ta' tindif fil-Malta Internationa Airport kien inghata lill-kumpanija imwaqqfa bejn ir-ragel tat-tifla tal-istanti u l-assistent personali tieghu u li dawn kienu qalu minn qabel li l-kuntratt kien ser jehduh huma; illi dawn l-allegazzjonijiet huma infondati u ghal kollox inventati, billi mhux biss mhux veru li hadu xi kuntratt ta' tindif, izda anqas hu veru li waqqfu xi

kumpanija biex taghti servizzi ta' tindif; u f'kull kaz l-istanti ma ndahal f'xejn fl-ghoti tal-kuntratti msemmija fl-artikolu; illi bl-istess artikolu l-konvenuti taw malafama lill-istanti billi attribwewlu fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku; illi barra l-gravita' tal-ingurja fiha nnifisha jidher car mill-intestatura, millmod kif gie msemmi l-istanti u mill-assjem ta' l-artikolu, illi l-iskop ta' l-awtur u l-editur ta' l-artikolu huwa li jaghmel hsara lill-istanti fi zmien krucjali tal-kampanja elettorali ghall-elezzjonijiet generali; illi l-istanti bhala parti offiza ghandu dritt ghad-danni kontemplati fl-Att dwar l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta); talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-istess konvenuti taw malafama lill-istanti bl-istampat fuq imsemmi bil-ghan li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu;
2. tikkundanna lill-kull wiehed mill-istess konvenuti ihallsu lill-istanti dik is-somma li din il-Qorti tiddetermina bhala danni u riparazzjoni tal-ingurja morali u malafama li huwa sofra bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li ghandhom jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenut Paul Cocks presentata fid-19 ta' Frar 1999 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhuwiex veru li gew attribwiti fatti determinati li huma malafamanti fil-konfront ta' l-attur.

2. Illi fl-artikolu l-eccipjent jaghti l-fatti kif jirrizultaw lilu u jaghmel kummenti li jiqiesu bhala “fair comment”, dwar kwistjoni ta’ interess pubbliku, liema kummenti huma accettabbli f’socjeta’ demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenut Cocks.

Rat in-nota tal-konvenut Demicoli presentata fid-19 ta’ Frar 1999 li permezz taghha eccepixxa illi l-artikolu intestat “Of Ministers and Shady Contracts” li deher fil-harga tat-23 ta’ Awissu 1998 tal-gurnal “The People on Sunday”, huwa bbazat fuq fatti veri u kwalunkwe kumment maghmul huwa bbazat fuq l-istess fatti veri li kollha jirrizultaw fil-provi tal-kaz – ghaldaqstant il-konvenut m’ghandux jig kundannat ihallas id-danni mitluba.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut Demicoli.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tal-11 ta’ Marzu 1999 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-5 ta’ Mejju 1999 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-12 ta’ Novembru 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fit-23 ta' Awissu 1998 u cioe ftit qabel l-elezzjoni generali li nzammet dik is-sena, fil-pagna 9 tal-gazetta "The People on Sunday People" taht l-intestatura "*Of Ministers and Shady Contracts*" Paul Cocks kiteb dwar allegazzjoni ta' pratiki mhux xierqa fl-ghoti ta' kuntratti tal-Gvern. L-attur jissemma specifikatament fil-"heading tal-artikolu fejn, b'ittri kbar u karki jinghad hekk "**Debono Grech's son-in-law & PA awarded MIA Contract."** L-artikolu in kwistjoni jibda biex jitkellem dwar l-ghoti ta' kuntratt ta' tindif fil-Malta International Airport fejn jinghad hekk "*When the contract for the cleaning services at Malta International Airport expired on November 30, 1997, the new contract was awarded to a company set up by the son-in-law of Transport and Sports Minister Joe Debono Grech, Ivan, and the Minister's personal assistant, Mario Azzopardi, known as il-Hwaj. The People on Sunday has learned that the award of the contract was taken for granted months before the November 30 deadline, with Ivan and Azzopardi going round claiming that they were going to be awarded the contract.*"

L-attur hassu aggravat b'dak li inkiteb f'dan l-artikolu u dana billi, kif xhed, l-fatti allegati fl-artikolu kienu ghal kollox inveritjeri u inventati. L-attur kompla jispjega li *"mhux biss mhux veru li (l-persuni imsemmija fl-artikolu) hadu xi kuntratt ta' tindif, izda lanqas hu veru li waqqfu xi kumpanija biex taghti xi servizzi ta' tindiff, u f'kull kaz l-esponent (cioe l-attur) ma ndahal xejn fl-ghoti tal-kuntratt."* L-attur spejga ukoll li bhala Ministru huwa ma kienx involut f'kuntratti simili li tinnegozja l-MIA.

Il-konvenuti moghtija kull opportunita' jresqu provi dwar il-verita' tal-fatti biex jiggustifikaw dak li gie allegat u l-kummenti li saru

fl-artikolu, naqsu li jaghmlu dan. Din il-Qorti ghalhekk ma ghandhiex triq ohra li taccetta li dak li qed isostni l-attur u tikkunsidra l-fatti allegati bhala inveritjeri.

L-attur qed isostni li l-artikolu kien intiz biex jaghmillu hsara f'mument delikat meta kienu qed isiru preparament ghall-elezzjoni generali. Dan l-aggravju jidher gustifikat inkwantu ghalkemm l-allegat fatt gara cirka ghaxar xhur qabel ma inkiteb l-artikolu l-konvenuti deherilhom li jaghmlu l-allegazzjonijiet "inveritjeri" ftit granet qabel l-elezzjoni. Il-malafama ghalhekk mhux biss tirrizulta izda hija ukoll malizzjonuza.

Illi fic-cirkostanzi din l-Qorti issib li l-attur irnexxielu jissostanzja t-talbiet tieghu u konsegwentement l-konvenut huma responsabbli ghad-danni fil-konfront tieghu a termini tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti, tenut kont tal-fatti adebitati lill-attur u l-perjodu meta l-allegazzjoni gew maghmula, hija tal-fehma li l-attur ghandu jigi kumpensat fis-somma ta' erba' mitt lira (LM400)li ghandhom jithallsu kwantu ghall-tlett mitt lira mill-konvenut Cocks bhala awtur tal-artikolu u mitt lira mill-konvenut Demicoli bhala editur tal-gurnal fejn gie ppubblikat l-istess artikolu.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut billi dawn ma gewx sostnuti, tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara li l-konvenut taw malafama lill-attur bl-artikolu fuq imsemmi, tillikwida d-danni tal-attur fis-somma komplessiva ta' erba' mitt lira maltin (LM400) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut Paul Cocks ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mitt lira maltin (LM300) u tikkundanna lill-konvenut Charles Demicoli jhallas lill-attur is-somma ta' mitt lira maltin (LM100) u dawn bl-imghaxijiet legali mil-lum u bl-ispejjes kollha

kontra il-konvenut li ghandhom jigu sopportati kwantu ghall-tlett kwarti mill-konvenut Cocks u kwart mill-konvenut Demicoli.

Onor Imhallef Albert J. Magri